Frar 2009 — Nru. 349

# it-Triq

ma' KRISTU l-ferħ possibbli

www.it-triq.org



## *tnehida taħt il-pont*

# Tnehida taħt il-pont
## (}sieb fuq il-qoxra ta' barra)



Darba waħda, f'pajjiż imbiegħed lejn is-Siberja, kien hemm żewġt'irġiel mexjin lura d-dar mill-egħlieqi tagħhom. Kienet l-eqqel tax-xitwa, kullimkien miksi bis-silġ, u kesħa kbira xxoqq il-għadam.

Waslu fejn pont li kien jaqsam xmara, li l-ilma ta' taħtha kien kollu ffriżat. Hekk kif bdew jaqsmu l-pont, semgħu tnehida kiebja ġejja minn taħt il-pont. Huma waqfu ħesrem u bdew jittawlu minn fuq il-pont għal isfel ħalli jaraw minn kien qed igħajjat, imma għalxejn, għax ma raw xejn ħlief dak l-ilma ffriżat tax-xmara. Wieħed mill-irġiel qal lill-ieħor: 'Jien ser nibqa' miexi għax dalwaqt immut bil-bard li qed inħoss.' L-ieħor pero' wieġbu: 'Le tafx. Jien ser ninżel ħalli nara hemmx xi ħadd fil-bżonn'. U għalhekk infirdu.

Dak li niżel taħt il-pont intebaħ li kien hemm tfajjel mitluq ma' l-art għal mejjet. Malajr malajr għabbieh fuq spallejh biex isalvah minn dik il-kesħa, u kompla fi triqtu lejn daru. Huwa u miexi beda jħoss inqas kesħa peress li beda jitħabat u jibbatika ruħu issa li kellu t-tfajjel fuq spallejh. Iżda ma mexiex 'il bogħod wisq li ma tfixkilx ġo xi ħaġa qalb muzell silġ maġenb ta' bankina. Meta r-raġel dar biex jara x'kien dak li kważi tgerbeb fih, huwa lemaħ lir-raġel l-ieħor mejjet gozz fl-art. Kien miet bil-kesħa kbira li ħass.

U hawnhekk l-ieħor intebaħ … intebaħ kemm kien qed jagħmel ġest tajjeb li kien qed igħin lit-tfajjel ta' taħt il-pont, għax bil-ħidma tiegħu ma' dak it-tfajjel żamm ruħu okkupat u sħun biżżejjed biex isalva hu, kif ukoll dak it-tfajjel ta' fuq spallejh.

---

Ħabib kbir tagħna offra l-ispejjeż ta' din il-ħarġa ta' Frar 2009. Waqt li nirringrazzjawh, nixtiqukom li flimkien magħna nitolbu għalih. Grazzi.

**Id-Direzzjoni**

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

**fuljett**
**ta' kull xahar**
**mahrug**
**minn grupp**
**ta' talb**
**fost**
**Il-Haddiema**

**Nru. 349**
**Frar 2009**

# Ma jqumux flus ...
# imma kemm jiswew!

Ħbieb,
Dan l-aħħar innutajt li diversi passiġġieri, huma u jinżlu minn tal-linja, qed iduru lejn ix-xufier u jgħidulu 'grazzi'. Dan ifisser manjieri tajbin tagħna l-Maltin, ifisser sinjal ċar ta' apprezzament u gratitudni, huwa fuq kollox sinjal ta' mħabba bejnietna.

Huwa tajjeb pero' li din l-imġieba tajba nwettquha dejjem, u fiċ-ċirkustanzi kollha ta' ħajjitna. Dan hu kliem li ma jqumx flus, imma kemm jiswa ħej!

Ħallejthom jistennew lil sħabek? Allura – 'niskuża ruħi li wasalt tard';
Trid li xi ħadd iwarrablek? Mela – 'ippermettili ngħaddi';
Għajjejt fil-kju tistenna? Forsi tista tgħid lil ta quddiemek: 'Jimporta jekk ninqeda qablek għax ma niflaħx noqgħod bil-wieqfa';
Wara ikla tajba – 'prosit kemm sajjart tajjeb';
Xi ħadd baqa' bil-wieqfa – 'oqgħod bilqiegħda hawn minfloki';
Waqt xi biċċa xogħol – 'ejja ħa ngħinek ħabib';
U wara li xi ħadd ikun għenek f'xi ħaġa – 'grazzi ħabib, apprezzajt ħafna l-għajnuna tiegħek';
u dik il-'grazzi', 'jekk jogħġbok', 'skużani' ... u kliem ieħor simili ... dawn kollha jagħmlu ħafna u ħafna ġid, għax juru gratitudni u rispett fir-relazzjonijiet ta' bejnietna.

Fuq kollox ħbieb, ma neħdux lil xulxin 'for granted'

# Time to pray



I got up early one morning
And rushed right into the day.
I had so much to accomplish
That I didn't have time to pray.

Problems just tumbled about me
And heavier came each task.
Why doesn't God help me? I wondered,
He answered, "You didn't ask."

I wanted to see joy and beauty,
But the day toiled on gray and bleak,
I wondered why God didn't show me,
He said, "But you didn't seek."

I tried to come into God's presence,
I tried all my keys at the lock,
God gently and lovingly chided,
"My child, you didn't knock."

I woke up early this morning,
And paused before entering the day.
I had so much to accomplish,
That I had to take time to pray.

---

**Vincent Lombardi:**
It is time for us all to stand and cheer for the doer,
the achiever - the one who recognizes the challenge
and does something about it.

---

# Il-'Black & White Minstrel Show'



F'intervista li George Michell ta lill-ġurnalisti, huwa qal: "meta tindaħal fejn ma jesgħekx, u titkellem fuq dak li ma tifhimx, taħwid u gwaj iġġib".

George Michell huwa d-direttur tal-Grupp leġġendarju "*Black and White Minstrel Show*". Flimkien mal-producer famuż Peter Inns, wettqu sensiela ta' suċċessi li dam għal bosta snin.

Mistoqsi x'kien is-sigriet tas-suċċess tagħhom, George wieġeb li kemm hu kif ukoll Peter qatt ma ndaħlu fix-xogħol ta' xulxin. Dejjem kellhom fiduċja u stima lejn xulxin, u qima lejn il-ħila fil-qasam differenti tagħhom.

Barra li kien direttur, George Michell hu wkoll mużiċista kbir, waqt li Peter Inns ipproduċa '*shows*' kbar u ta' suċċess. Għalhekk kibret bejniethom fiduċja f'xulxin. Wieħed ma kienx jindaħal fix-xogħol ta' l-ieħor. Għalkemm it-tnejn kienu juru x-xewqa u l-idea tagħhom, imma l-aħħar kelma kienet dejjem ta' dak li jifhem fix-xogħol tiegħu.

Ma tindaħalx ma jfissirx ma tinteressax ruħek.
Ma tindaħalx ma jfissirx ma tapprezzax.
Ma tindaħalx ifisser li tinduna li bħalma inti tifhem f'ħaġa, ħaddiehor jifhem f'oħra. Kull ħadd jerfa' r-responsabbilta' tiegħu.
Nieħdu kas ta' familja:
Kieku fid-dar, ir-raġel jerfa' r-responsabbilta' tiegħu u l-mara jkollha fiduċja fih u ma tindaħallux, kemm ġlied jiġi evitat.
Kieku l-mara tagħmel ix-xogħol tagħha, u r-raġel ikollu fiduċja fiha u ma jindaħlilhiex, kieku kemm ikollna familji trankwilli.

# Jeħtieġ li naħbtu ma' gżira ...



Il-Knisja f'Malta u Għawdex, fl-10 ta' Frar, tiċċelebra l-bidu tagħha permezz tal-miġja providenzjali ta' l-Appostlu Missierna Pawlu fostna, u niżżu ħajr 'l Alla li, bil-predikazzjoni u l-mirakli tiegħu, tana l-Fidi Nisranija.

F'din is-solennita' tant għażiża għalina l-Maltin, tajjeb nirriflettu fuq il-Fidi tagħna, u kif din il-Fidi li ġabilna San Pawl qed ngħożżuha u nibżgħu għaliha.

Fil-vjaġġ mimli perikli li ħabbat wiċċu Pawlu u sħabu sakemm waslu Malta, naraw kif ir-rieda ta' Alla sseħħ u kif Alla kellu pjan speċifiku għall-gżira tagħna.

Mhux hekk naqraw fil-Kapitlu 27 ta' l-"Atti ta' l-Appostli?" "...mela qawwu qalbkom, ħbieb. Jien nemmen f'Alla li hekk isir, sewwa sew kif ħabbarli. Jinħtieġ iżda li naħbtu ma' gżira" (versi 25 u 26). Hekk qal Pawlu lil sħabu, waqt li iktar 'il quddiem, f'Kapitlu 28, San Luqa jikteb: "Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa li ma bħalha". (versi 1 u 2).

Kliem bħal dan iferraħna u jfarraġna tassew, u jiktbu b'ittri tad-deheb din l-isbaħ paġna ta' l-Istorja tagħna. Ejjew mela nissaħħu f'din il-fidi tagħna f'Alla, u nuru dan billi nġibu ruħna tajjeb u nuru ħniena ma' xulxin.

Kif aħna qegħdin fis-San Pawlina, nieħdu l-okkażjoni biex nitħeġġu lejn dan l-Appostlu tal-Ġnus. Aħna l-insara Maltin għandna x-xorti li dan l-apposlu kbir għex fostna għal tliet xhur sħaħ. Ejjew nibqgħu inħalluh igħix fostna

# *L-akbar rigal*



Kien bħal daż-żmien 30 sena ilu, li Fr Leo Lacy, saċerdot Amerikan, sar jaf li għandu marda li f'qasir żmien kienet ser twasslu għall-mewt. F'ittra lil sħabu tal-Kleru u l-familjari tiegħu, Fr Leo, kiteb:

"Kien Frar ta' l-1979, meta ndunajt l-ewwel darba li ma stajtx inċaqlaq is-swaba. It-tabib qalli li għandi l-*Parkinson's desease*, jew xi ħaġa f'rasi.

Wara konsulta, f'Marzu għamluli operazzjoni f'rasi. Tlett ijiem wara l-operazzjoni, il-professur flimkien ma' oħti, tawni l-aħbar. Dak inhar kienet il-Ġimgħa l-Kbira. Sinċerament, l-aħbar aċċettajtha b'ħafna kalma.

F'ħajti kont saċerdot ferrieħi. Kont nieħu gost ngħix il-ħajja. Issa qiegħed nitlob 'l Alla biex jagħtini l-grazzja nieħu gost immut.

Niftakar, meta fi Frar tawni l-aħbar li għandi kanċer, mort quddiem Ġesù Sagramentat u għedtlu: "Mulej, għaliex proprju jien?" Dak il-ħin deherli smajtu jgħidli: "u għaliex mhux int?"

Fis-saċerdozju tiegħi farraġt ħafna nies; nies li tilfu lill-għeżież tagħhom, jew li ġarrbu xi hemm.

Issa naf li din id-darba jien wasalt għal dawk l-aħħar mumenti. Ma jiddispjaċinix li se nħalli dan id-dinja sabiħa. Se nitlaq biex niltaqa' u nibqa ngħix għal dejjem qrib Alla. Din kienet il-wegħda li Ġesù għamlilna. U jien mhux ser nibdel il-ħajja li wegħdna Ġesù ma dik ta' din l-art.

Gawdejt kull mument ta' ħajti. Kont naf li kull mument li jgħaddi mhux se jerġa' jiġi lura, l-anqas b'miraklu".

***Inqattgħu ftit sigħat Miegħu***



Għandna l-ħsieb li nerġgħu norganizzaw Irtir ta' ġurnata għalikom Ħbieb tagħna f'Marzu li ġej.

Għalhekk fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss, nagħtu d-dettalji kollha dwar dan il-'Jum mal-Mulej'. Sadanittant, dawk minnkom li huma nteressati, huma mitluba jiktbu fl-indirizz li jidher fuq il-qoxra ta' wara tal-fuljett, jew iċċemplu fuq in-numru tat-telefon 21440384.

It is the duty of those who have received a Christian education
to be courteous to everyone.

*St. John Bosco*

**What happens, happens for a reason.**

**We seldom think of what we have,
but always think of what we miss.**

**Plan for tomorrow but live for today.**

**The one who takes your hand but touches your heart
is a true friend.**

# Crime

A worried woman went to her gynecologist and said:
'Doctor, I have a serious problem and desperately need your help! My baby is not even 1 yr. old and I'm pregnant again. I don't want kids so close together.'
So the doctor said: 'Ok, and what do you want me to do?'
She said: 'I want you to end my pregnancy, and I'm counting on your help with this.'
The doctor thought for a little, and after some silence he said to the lady: 'I think I have a better solution for your problem. It's less dangerous for you too.'
She smiled, thinking that the doctor was going to accept her request.
Then he continued: 'You see, in order for you not to have to take care of 2 babies at the same time, let's kill the one in your arms. This way, you could rest some before the other one is born. If we're going to kill one of them, it doesn't matter which one it is. There would be no risk for your body if you chose the one in your arms.
The lady was horrified and said: 'No doctor! How terrible! It's a crime to kill a child!



'I agree', the doctor replied. 'But you seemed to be ok with it, so I thought maybe that was the best solution. The doctor smiled, realizing that he had made his point.

He convinced the mom that there is no difference in killing a child that's already been born and one that's still in the womb. The crime is the same!

# The family

**Family catechesis presedes, accompanies, and enriches all other forms of catechesis.**

*Catechesi Tredendae*
*(Catechesis in our Time)*



## *Happy Birthday*

Reġa wasal il-*Birthday* tal-fuljett ċkejken tagħna 'IT-TRIQ'. Iva! Dan ix-xahar il-fuljett jagħlaq 29 sena. Matul dawn is-snin kollha, kien hemm mumenti sbieħ u mumenti ta' qtiegħ il-qalb ... mma! Kellna żewġ pilastri li fuqhom straħ il-fuljett tagħna.

* Il-Mulej – li bil-grazzja tiegħu stajna nkomplu dan ix-xogħol li nwasslu l-bxara t-tajba lil tant ħbieb.
* Intom – li bis-sapport morali u finanzjarju tagħkom tħeġġuna u għamiltulna kuraġġ. Nieħdu l-okkażjoni biex nirringrazzjaw lil kull min jagħmel offerti lejn l-ispejjeż ta' dan il-fuljett.

Kull għajnuna hi apprezzata.
Grazzi Mulej; Grazzi Ħbieb tagħna.



*Id-Direzzjoni*

# Ni\\el fid-Djarju tieg]ek



**Il-Gimgħa, 6 ta' Frar 2009**
<u>L-Ewwel Gimgħa tax-Xahar</u>
Ikollna Quddiesa fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt. Il-ħin ikun fin-12.35 pm

**It-Tlieta, 10 ta' Frar 2009**
<u>Il-Festa tan-Nawfragju ta' San Pawl</u>
Fl-okkażjoni tal-Magħmudija ta' Malta, ejjew nifirħu flimkien, waqt li nitolbu lil San Pawl Missierna li jsaħħaħna fil-Fidi.
F'dan il-jum hemm l-obbligu tal-Quddies

**L-Erbgħa, 25 ta' Frar 2009**
<u>L-Erbgħa ta' l-Irmied</u>
Jibda r-Randan ta' din is-sena. Fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt, ikollna Quddiesa fin-12.35pm. Waqt din il-Quddiesa, issir iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' l-Irmied fuq ras dawk preżenti.
Hemm l-obbligu tas-sawm u astinenza.

---

## EZERĊIZZI 2009 - ***Kif qed igħaddi ż-żmien !***

Jekk Alla jrid, il-Kors ta' Eżerċizzi Spiritwali li l-Grupp 'It-Triq' jorganizza fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt, ser ikun immexxi mill-Kanonku Carmelo Refalo, Arċipriet tax-Xagħra, Għawdex.

Dawn it-taħditiet norganizzawhom għalikom Ħaddiema tal-Gvern u Ħbieb tagħkom. Dawn issiru waqt il-'break', jiġifieri jibdew għall-ħabta tan-12.35pm. Nafu sew kemm dawn l-Eżerċizzi huma għal qalbkom, anzi, huma għal qalbna lkoll. Għalhekk nitolbukom sabiex tħallu l-ġimgħa bejn it-23 u s-27 ta' Marzu 2009, libera sabiex tattendu dawn it-taħditiet.

Id-Direzzjoni

# Rokna Cajt

Karmnu: ‘Ġann, jien naf raġel li jqaxxar il-leħja aktar minn għoxrin darba kuljum.’
Ġanni: ‘Impossibbli!’
Karmnu: ‘Le, mhux Impossibbli … il-parrukkier!’

---

Ġuvnott: ‘Kemm jien ferħan Li ma twelidx Ruma.’
Sieħbu: ‘u għaliex?’
Ġuvnott: ‘Isbaħ din. Għax ma naf xejn bit-Taljan !’

---



Sajjied, wara nofs ta’ nhar jistad bla ma qabad xejn, ġiet il-mara tiegħu u staqsietu: Qbadt xi ħaġa?’
Hu pront pront weġibha: ‘Iva, żewġ għarajjes.’
Il-mara: ‘Fejn huma?’
Hu: ‘Hemm arahom. Wara dik is-siġra, it-tifla tagħna u Johnny ta’ ħdejna.’

Kull korrispondenza g]andha tintbag]at lil:

Paul Schembri

73 ‘Terezita ’, Triq Birbal, Balzan BZN 9015

Tel: 21440384